MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 1551/2007

PULIZIJA
SPETTUR RAY AQUILINA
VS
OLIVER CONTI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oliver Conti, iben Alfred u Adreana xebba Farrugia, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Marzu 1981 u residenti gewwa 'No.7' Alley 2 De Rohan Street, Zebbug, Malta, u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 162481(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-25 ta' Novembru 2006 ghal habta tal-11:15 ta' filghodu gewwa l-limiti ta' "Wied is-Sewda" li jinsab bejn Hal-Qormi u H'Attard:

a). B'ghemil zieni, kkorrompa lil persuni taht l-eta' u cioe' lil Romina Borg, minorenni ta' erbghatax-il sena (14);

b). Ecita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' l-istess minorenni ta' erbghatax-il sena;

c). Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Romina Borg u l-familja taghha ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-Atti kollha tal-kas;

Ikkonsidrat:

Illi fil-mori tal-kawza, l-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti li l-imputat miet u ezebixxa certifikat tal-mewt Dok.RAX

Illi ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------